# STUDJU DWAR IL-KTIEB TA' RIVELAZZJONI KAPITLU 13

Minn
George Ebejer

# IL-KTIEB TA' RIVELAZZJONI

## IŻ-ŻEWĠ BHEJJEM TAD-DRAGUN
## (Rivelazzjoni 13:1-18)

Id-drama ta' kapitlu 12 tispjega għaliex il-qarrejja ta' Ġwanni kienu qegħdin ibatu. Id-dragun (Satana) qiegħed wara dan kollu. Għalkemm diġa megħlub minn Kristu, hu kontinwament "jagħmel gwerra" fuq il-qaddisin, li jirċievu l-protezzjoni ta' Alla matul iż-żmien tal-persekuzzjoni.

Id-drama tkompli għall-kapitlu 13 u tispjega *kif* id-dragun ikompli fix-xogħol tal-ħajja tiegħu li jaħqar il-knisja. Fl-għeluq ta' kapitlu 12, id-dragun frustrat jieqaf fit-tarf tal-baħar u jsejjaħ liż-żewġ alleati prinċipali tiegħu: il-"*bhima mill-baħar*" (13: 1-10) u l-"*bhima mill-art*" (13:11-18). Kien permezz ta' dawn iż-żewġ aġenti tad-dragun li l-Kristjani fiż-żmien ta' Ġwanni kienu qegħdin jirċievu l-aktar tbatija kbira.

L-APOKALISSI huwa kxif tat-taqbida bejn Alla u Satana u r-riżultat ta' l-aħħar—li l-ġustizzja tkun vittorjuża. Rivelazzjoni kien miktub lill-Kristjani li kienu qegħdin ibatu taħt id iebsa ta' persekuzzjoni. Huma ċertament li kienu qegħdin jaħsbu dwar x'kien se jkun ir-riżultat. Il-ktieb ta' Rivelazzjoni jwieġeb dik il-mistoqsija.

Meta wieħed isir dixxiplu ta' Ġesù Kristu, huwa jkun għamel lilu nnifsu alleat ma' kawża li tkun vittorjuża. Xi kultant meta żewġ qawwiet ikunu ntrigati f'battalja, ir-riżultat ikun bubbjuż, iżda mhux fil-battalja bejn il-ġustizzja u l-inġustizzja. Meta int tkun fuq in-naħa ta' Alla, tkun qiegħed fuq in-naħa rebbieħa. Rivelazzjoni huwa ktieb ta' vittorja.

Rivelazzjoni 13 juri ż-żewġ bhejjem. Id-dragun (Satana) juża żewġ bhejjem biex jopponi lill-Kristjani (il-knisja). Aħna sejrin nidentifikaw liż-żewġ bhejjem u mbagħad nipproġettaw lezzjoni. Wieħed għandu jħalli l-Bibbja li tinterpreta lilha nfisha u dan huwa ta' importanza kbira li nżommuh f'moħħna matul dan l-istudju għaliex ħafna huma dawk li jinterpretaw skond ma jifhmu huma u mhux xkond il-Kelma ta' Alla.

## MIN HUMA DAWN IŻ-ŻEWĠ BHEJJEM?

Satana jrid li jeqred lil ulied ta' l-iskop ta' Alla. Huwa jrid jeqred il-knisja. Kif hu se jopponi lill-knisja u lill-Kristjani? Rivelazzjoni 13 juri li Satana juża lil dawn iż-żewġ bhejjem.

### Il-Bhima tal-Baħar

Id-deskrizzjoni tal-Bhima f'kapitlu 13:1-3 tipprovdi l-ħjiel ta' l-identità tagħha. Il-Bhima tal-Baħar attwalment hija *kom-post* ta' l-erba' bhejjem mfissra f'Danjel 7:1-6. Billi jikkumbi-naw f'bhima waħda feroċi l-karatteristiċi ta' Danjel kapitlu erba', il-viżjoni tissuġġerixxi li din il-bhima tgħaqqad flimkien il-qawwa, il-kefrija, u l-brutalità tagħhom. Mela min jew x'in-huma l-erba' bhejjem f'Danjel 7? Huma jirrappreżentaw erba' saltniet konsekuttivi jew imperi politiċi, ir-raba' u l-aħħar ikun l-aktar terribbli fost kollha (Danjel 7:17, 18, 23). Il-biċċa l-kbira ta' l-iskulari jaqblu li dawn l-erba' kienu l-imperi ta' Babel, Medo-Persjan, Grieg, u Ruman. Dawn l-erba' qawwiet kbar kienu għal diversi gradi oppressivi għan-nies ta' Alla. Imma r-raba', li Danjel qal li tkun l-agħar, kienet fis-setgħa meta Ġesù ġie u meta l-knisja ġiet fl-eżistenza; kienet din li fiż-żmien ta' Ġwanni kienet qed tippersegwità b'mod attiv lill-qaddisin. Huwa raġjunevoli li tikkonkludi li l-bhima tal-Baħar tissimbolizza s-setgħa kollha ċivili li teżisti f'oppożizzjoni għal Alla. Imma fil-kuntest taż-żmien ta' Ġwanni, din hija simbolu tal-qawwa ta' *Ruma*.

F'Rivelazzjoni 13:1 (Xi verżjonijiet tal-Bibbja jġibu l-ewwel parti ta' dan il-vers bħala vers 18 ta' kapitlu 12) Ġwanni jgħid,

> "*U waqaf fuq ir-ramel tal-baħar, u rajt tiela' bhima mill-baħar…*"

X'inhuma xi wħud mill-fatturi tal-Bhima tal-Baħar? Fatt numru wieħed dwar din il-bhima huwa li hija ġejja mill-baħar. Il-baħar jista' sewwa jirrappreżenta lin-nies. Jiena naf li meta nħalli l-Bibbja tinterpreta lilha nfisha li f'Rivelazzjoni 17 il-baħar huwa identifikat bħala nies (v. 15). Din il-bhima tqum minn fost in-nies jew popli, min-nies li għallanqas huma newt-

rali jew kontra l-knisja. Il-bhima ma tiġix mill-knisja. Ġwanni jgħid,

> "*Jiena rajt tiela' bhima mill-baħar, li kellha sebat irjus u għaxar qrun, u għaxar kuruni fuq qrunha, u fuq irjusha ismijiet ta' dagħa*" (3:1).

Il-bhima tiela' mill-baħar għandha sebat irjus u għaxart qrun, l-istess kif għandu d-dragun imfisser f'kapitlu 12.

**Ħafna Setgħa (Awtorità)**

X'jista' jintqal dwar din il-bhima li titla' mill-baħar? Huwa ċar li din il-bhima għandha ħafna setgħa jew awtorità:

> "*U l-bhima li rajt kienet tixbaħ lil-leopard, u saqajha kienu bħal saqajn t'ors, u ħalqha bħal ħalq ta' ljun: u d-dragun taha l-qawwa tiegħu, u t-tron tiegħu, u setgħa kbira*" (Rivelazzjoni 13:2).

Il-bhima qed taqdi lid-dragun, Satana. Satana jagħti lill-bhima s-setgħa tiegħu stess.

**Setgħa mill-Ġdid**

Vers 3 jgħid,

> "*U rajt waħda minn irjusha qisha midruba għall-mewt, u l-ġerħa tagħha tal-mewt kienet imdewwija. U stagħġbet id-dinja kollha bil-bhima.*"

F'waqt wieħed il-kawża rrappreżentata minn din il-bhima kienet kawża maqtula. Dik kienet midruba għall-mewt, imma issa reġgħet irpiljat. Mill-bidu tal-knisja, ma kienx hemm persekuzzjoni kustanti, għalkemm xi grupp dejjem kien jopponi l-knisja. Xi drabi l-persekuzzjoni kienet preżenza b'saħħitha u qawwija ħafna' xi drabi ma kinetx. Il-kawża li topponi lill-knisja hija kawża li reġgħet qamet. Din għandha setgħa kbira; din ġejja min-nies; iżda battiet fl-oppożizzjoni tagħha. Issa

f'Rivelazzjoni 13 din hija setgħa jew awtorità mqajma mill-ġdid.

**Setgħa Li Titlob il-Qima**

Vers 4 jgħid,

> "*U taw qima lid-dragun…*"

Innota lid-dragun kien imfisser f'kapitlu 12:9 bħala li hu Satana. Huma aduraw lid-dragun li ta setgħa lill-bhima, u aduraw jew taw qima lill-bhima. In-nies adruaw lil din il-bhima wżata minn Satana. Illum aħna nisimgħu dwar dawk li jqimu lil Satana. Ħafna nies fl-ewwel seklu, kemm jekk huma kellhom l-intenzjoni jew le, kienu jqimu lil Satana. Huma qimu lill-bhima. Wara kollox, li tqim tfisser li turi rispett kbir lejn xi ħadd jew xi ħaġa, li tagħraf xi ħaġa bħala li jixirqilha t-tifħir jew id-devozzjoni ta' dak li jkun. In-nies li opponew il-knisja kemm jekk huma kienu jafu dan jew le, sempliċiment taw il-qima tagħhom lil Satana. Ġesù qal,

> "*Min mhuwiex miegħi, huwa kontra tiegħi*" (Mattew 12:30).

M'hemmx post fin-nofs; ma hemm ebda newtralità. Jew int qiegħed ma' Kristu jew m'intix! Huma kienu qegħdin iqimu lid-dragun, u wkoll il-bhima. X'kienu qegħdin jgħidu dwar il-bhima?

> "*Min hu bħal bhima? Min għandu ħila jagħmlilha gwerra?*" (13:4).

Il-bhima tidher tant qawwija li jidher li ħadd ma jista' jieqaf quddiemha.

**Setgħa tad-Dagħa**

Imbagħad, din kienet setgħa ta' dagħa. Versi 5 u 6 jgħidu,

> "*U kien mogħti lilha fomm li jitkellem ħwejjeġ kbar u dagħa; u kienet mogħtija lilha s-setgħa li ddum tnejn u erbgħin xahar. U fetħet fommha tidgħi kontra Alla, tidgħi kontra*

*l-isem tiegħu, u t-tabernaklu tiegħu, u dawk li jgħammru fis-sema.*"

X'inhu li tidgħi? "Li tidgħi" ifisser li titkellem kontra. Din il-bhima kienet użata mix-xitan u bdiet tidgħi kontra Alla u l-abitanti tas-sema. Innota li l-bhima kompliet għal 42 xahar. Ftakar lix-xhieda fidili ta' Alla ipprofetizzaw, jew tkellmu għal Alla għal 42 xahar jew 1260 jum. Ftakar li l-mara—l-iskop ta' Alla—kienet opponuta minn Satana għal 42 xahar, 1260 jum, jew 3½ snin (Rivelazzjoni 11:2-3; 16:6). Għal kemm il-knisja ta' Kristu se ddum opponuta mix-xitan? Sakemm jibqa' jkun hemm iż-żmien. Għal kemm ikun hemm vucijiet fidili jitkellmu għal Alla? Sakemm jibqa' jkun hemm iż-żmien. Mela, aħna nistgħu nikkonkludu li bbażat fuq kapitli 11 u 12 illi t-42 xahar, 1260 jum, u 3½ sena jirriferu għaż-żmien. Daqshekk huwa għal kemm tkellmu x-xhieda fidili. Għal daqshekk kienet ilha l-belt mirfusa taħt is-saqajn. Għal daqshekk Satana oppona lill-mara (il-knisja)—l-iskop ta' Alla. Għal daqshekk din il-bhima sejra tidgħi kontra Alla. Hija min hija l-bhima, din għandha tkompli x-xogħol tagħha sakemm ikun għadu ż-żmien.

## Setgħa Li Tippersegwità

Vers 7 jgħid li l-bhima hija awtorità jew setgħa li tippersegwità:

"*U kienet mogħtija lilha s-setgħa li tagħmel gwerra lill-qaddisin, u tirbaħhom: u kienet mogħtija lilha s-setgħa fuq it-tribujiet kollha, u ilsna, u ġnus.*"

Il-bhima qed tippersegwità lill-knisja.

## Setgħa Ikkundannata

Versi 9 u 10 jgħidu,

"*Min għandu widnejn, ħa jisma'. Min hu għall-jasar imur fil-jasar: min joqtol bis-sejf jinqatel bis-sejf. Hawn hu s-sabar u l-fidi tal-qaddisin.*"

Din is-setgħa wżata mix-xitan hija setgħa kkundannata. Il-qaddisin mhumiex se jgħelbu din is-setgħa b'sejf karnali. Huma għandhom jobdu lil Alla bis-sabar. Huma m'għandhomx jaqbdu s-sejf (13:10). Din is-setgħa hija setgħa kkundannata għaliex Alla jirbħilha.

Min hija din il-bhima? Fl-ewwel seklu, lil min uża Satana biex jopponi lill-knisja? Huwa uża lill-Imperu Ruman. Ma kinetx mgħoddija proklama uffiċjali minn Ruma biex topponi u tippersegwità lill-knisja? Iva. Il-bhima li tiġi mill-poplu, il-bhima li għandha setgħa kbira, setgħa mqajma mill-ġdid, setgħa ta' persekuzzjoni, setgħa li kienet adurata, setgħa li kienet tidgħi, setgħa li ppersegwitat lill-knisja u kienet ikkundannata hija l-ispirtu ta' l-Imperu Ruman. Fl-ewwel seklu, Satana uża lil dan il-gvern sekulari biex jopponi lill-knisja. L-applikazzjoni, mela, għandha tkun għall-Imperatur Ruman.

X'għandha tkun għalina llum l-applikazzjoni? Kull gvern uman f'oppożizzjoni għall-pjan u skop ta' Alla huwa wżat minn Satana; kull setgħa umana, kull gvern uman f'oppożizzjoni għall-knisja huwa irrappreżentat mill-ewwel bhima.

## IL-BHIMA TIELA' MILL-ART

Imbagħad tidher it-tieni bhima. Vers 11 jgħid,

> "*U rajt bhima oħra tiela' mill-art; u kellha żewġt iqrun bħal ħaruf, u kienet titkellem bħal dragun.*"

X'nafu aħna dwar it-tieni bhima?

### Tiela' mill-Art

It-tieni bhima ġiet mill-art. Jekk il-baħar irrappreżenta lin-nies inġenerali, din il-bhima tiela' mill-art tista' tiġi mir-reliġjon. Din hija awtorità jew setgħa reliġjuża.

### Mimlija bil-Qerq

Din il-bhima hija kollha qerq għaliex hija kellha żewġt iqrun bħal ħaruf; din tidher li hija ġentili. Iżda titkellem bħal dragun.

Għalhekk din hija kawża li tqarraq. F'versi 13 u 14, aħna naqraw li din il-bhima kienet tqarraq b'dawk li jgħammru fuq l-art.

**Teżerċità s-Setgħa**

Il-bhima tiela' mill-art kellha s-setgħa. Vers 12 jgħid,

> "*U kienet tħaddem is-setgħa kollha ta' l-ewwel bhima, quddiem il-preżenza tagħha; u ġġiegħel l-art u lil dawk li jgħammru fiha biex iqimu l-ewwel bhima,...*"

**Turi Għall-Ewwel Bhima**

Din it-tieni bhima hija qisha xi direttur, tmexxi l-qima ta' l-ewwel bhima. Hija tidderieġi lin-nies. Huwa Bibliku li tonora lill-gvernijiet. M'huwiex, iżda, Bibliku li tqim lil l-imperatur. Din it-tieni bhima tordna lin-nies biex iqimu lil l-imperatur. F'li tagħmel dan, hija qed twettaq l-iskop ta' Satana.

**Iġġib il-Persekuzzjoni**

Vers 15 jgħid,

> "*U kellha s-setgħa li tagħti l-ħajja lix-xhieda tal-bhima, biex titkellem ukoll ix-xbieha tal-bhima, u ġġiegħel li jinqatlu dawk kollha li ma jqimux ix-xbieha tal-bhima.*"

Din it-tieni bhima tmexxi l-persekuzzjoni. Fl-ewwel seklu xbiehat ta' l-imperatur kienu mifruxa matul l-Imperu Ruman kollu. Għal wieħed biex ikun jista' jixtri u jbigħ fil-postijiet tas-suq u jkun jappartjeni f'xi għaqda, dan l-ewwel kellu jmur quddiem dik ix-xbieha, jaħraq ftit inċens fuq l-artal, u jipproklama lil Ċesri li hu Mulej u Alla. Imbagħad huwa kien jiġi mogħti ċertifikat u mħolli jieħu sehem fil-parti kummerċjali tal-ħajja ta' kuljum. Jekk hu ma jkollux dak iċ-ċertifikat, ma jkunx jista' jixtri jew ibigħ. Il-Kristjani ma kinux lesti li jqimu lil Ċesri; għalhekk, huma batew. Ġwanni qiegħed jalludi għar-rifjut tal-Kristjani. Din it-tieni bhima mexxiet il-qima ta' l-imperatur u ħeġġet lin-nies biex iqimu l-ewwel bhima. Hija

mexxiet ukoll persekuzzjoni kontra kull min ma kienx iqim lil l-imperatur.

## Il-"Marka tal-Bhima" (13:18)

Ebda porzjon ieħor tal-ktieb ta' Rivelazzjoni ma kien suġġett għal tant interpretazzjonijiet fantastiċi daqs kemm kien in-numru "666." Dawk li jaraw diversi innovazzjonijiet tas-soċjetà moderna bħala li huma ta' theddida għal libertà personali u reliġjuża jissuġġerixxu lin-"numru tal-bhima" huwa "n-numru tas-Sigurtà Soċjali ta' persuna, in-numru tal-kont tal-bank, jew il-kodiċi tal-prezzijijet fuq affarijiet f'supermarket. Dawk li jemmnu li Rivelazzjoni huwa dwar il-knisja Kattolika Rumana għamlu dan in-numru li japplika għall-Papa ta' Ruma. Kien hemm attentati oħra biex jippruvaw isibu s-soluzzjoni tiegħu fl-isem ta' individwu. Persuni bħal Diocletian, Kaligula, Trajan, Julian l-Apostata, diversi papiet, Luteru, Ġwanni Galvinu, u Napuljun Bonaparte, u oħrajn kienu ssuġġeriti. Waqt li oħrajn applikawh għal Hitler, Stalin, Mao, eċċ. Aħseb meta dawn kienu jgħixu? Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, mhux hekk? Hekk ukoll illum li ninsabu fiż-żminijiet tal-kompjuters, xi wħud qegħdin japplikaw dan il-kliem li jirriferi għal xi ċippa tal-kompjuter li tkun impoġġija fl-id il-leminija tal-persuna, eċċ. Versi 16 u 17 jgħidu,

> "*Hija ġġiegħel lil kulħadd, iż-żgħar u l-kbar, il-għonja u l-foqra, il-ħielsa u l-ilsiera, kulħadd issirlu marka fuq idu l-leminija jew fuq ġbinu, biex ħadd ma jkun jista' jixtri jew ibigħ, ħlief dak li kellu l-marka,...*"

L-espressjonijiet, *"iż-żgħar u l-kbar, il-għonja u l-foqra, il-ħielsa u l-ilsiera*," huma spjega tal-kelma "*kulħadd,*" u jfissru li l-awtorità imsemmija hawn tapplika għall-klassijiet kollha. Is-suġġett tal-verb huwa bhima introdott f'vers 11. Il-kelma "marka," meta meħuda letteralment, tfisser xi figura jew simbolu impoġġija fuq l-oġġett biex turi pussess jew awtorità. In-natura nfisha tal-każ hawn titlob li din tkun mifhuma *simbolikament*. Bla dubju din hija wżata biex turi *l-kuntrast* bejn il-qaddejja

veru ta' Alla u l-qaddejja li jippretendu li huma qaddejja tassew ta' Alla—il-knisja vera u l-knisja falza. Dwar dan l-Iskrittura tagħtina eżempju biex jekk aħna jkollna xi dubju dwar l-interpretazzjonijiet differenti ta' xi wħud, kif diġa rajna xi wħud minnhom aktar qabel, aħna nkunu nistgħu nifhmu aktar dak li tassew dawn il-versi jridu jfissru. Ħalli nħallu l-Iskrittura tinterpretalna hi u naraw fejn Alla uża l-istess lingwa simbolika.

Lil Iżrael Alla qal li l-kliem Tiegħu "*ikunu bħala sinjal fuq idek*" u "*bħala filatterija bejn għajnejk*" (Dewteronomju 6:8). Huwa ċar li dan il-kliem f'Eżodu huwa wżat f'sens *figurattiv*. Qari bil-għaqal tal-versi f'Dewteronomju f'konnessjoni mill-qrib mal-kontenut tagħhom, aħna għandna l-istess frażi f'kapitlu 11:18, fejn naqraw hekk:

> "*Għalhekk daħħlu dawn il-kelmiet tiegħi f'qalbkom, u f'moħħkom, u orbtuhom bħala marka fuq idkom, biex ikunulkom bħala filatterija bejn għajnjekom.*"

Dawn fihom figuri ta' kliem oħra li m'għandhomx ikunu meħuda letteralment. Din hija wkoll prova biżżejjed ta' l-intenzjoni purament figurattiva tagħhom. Kien biss il-formaliżmu taż-żminijiet ta' wara li ċajpar dawn il-figuri għall-prattika sħiħa u materjalista tal-filatteriji fejn Ġesù Nnifsu kkritikaha f'Mattew 23.

Mela m'huwiex ta' sorpriża, għall-membri ta' knisja apostata li jġorru sinjal li juri l-karatteristiċi tagħhom. L-uniku mod li l-kliem ta' Alla jista' f'dak iż-żmien jew llum ikun marka jew sinjal kien u huwa l-manifestazzjoni (il-wiri) tagħhom (tal-kliem) fil-ħajja tal-qaddisin Tiegħu. Meta jkunu milqugħha fil-moħħ ("filatterija bejn l-għajnejn") u pprattikati ("sinjal fuq l-id"), dawn juru lil dawk li kellhom dawn il-marki jew sinjali bħala li huma l-qaddejja veri ta' Alla. Dawk li emmnu u pprattikaw dottrini tal-knisja falza kellhom il-"marka" tal-bhima fuq idhom u fuq ġbinhom. Kull simbolu estern użat mill-knisja falza kien biss simbolu tad-dottrini foloz li kienu emmnuta u li sfortunatament huma emmnuta llum ukoll.

Vers 16 jgħid li l-marka ssir "*f'idhom il-leminija,...*" Għandna aħna ninterpretaw illi "*idhom il-leminija*" għandha tfisser letteralment l-id tagħhom tal-laħam jew li hija msemmija f'sens simboliku? Għal darb'oħra ħalli nħallu l-Iskrittura tinterpreta dan għalina.

1. Salm 18:35, Waqt li David kien qiegħed ifaħħar lil Alla talli ħelsu mill-għadu tiegħu, qal dan il-kliem ta' tifħir:

> "*Tajtni wkoll it-tarka tas-salvazzjoni tiegħek, u **idek il-leminija** żammitni wieqaf, u l-għajnuna tiegħek kabbritni.*"

Huma t-*tarka* u l-*id il-leminija* t'Alla letterali? Ċertament li le!

2. Salm 44:3,

> "*Għax huma ma ħadux l-art b'sejfhom, u lanqas driegħhom ma ħelishom: **iżda idek il-leminija,** u driegħek, u d-dija ta' wiċċek, għaliex int ħabbejthom.*"

Għandu Alla *id* u *driegħ* letterali, tal-laħam u ta' l-għadam? Imma David qal li kienu *huma* li ħelsuhom!

4. Salm 118:16,

> "*Il-**leminija** tal-Mulej merfugħa 'l fuq: il-**leminija** tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila.*"

Teħodha int din f'sens letterali jew f'sens figurattiv?

3. Salm 139:10,

> "*Hemm ukoll **idek** tilħaqni, u **lemintek** taqbadni.*"

Alla Hu spirtu u ċertament li spirtu m'għandux idejn tal-laħam!

4. Ħabakkuk 2:16b,

> "*...Il-kies ta' **id il-leminija** tal-Mulej idur lejk, u l-għajb jgħatti l-glorja tiegħek.*"

5. Mattew 22:44,

> *"U l-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod **fil-lemin** tiegħi, sa ma nqiegħed l-egħedewwa tiegħek b'mirfes riġlejk?"* (ara wkoll Salm 110:1; Atti 2:34-35; 5:31; Rumani 8:34; eċċ.).

6. Galatin 2:9,

> *"U meta Ġakbu, Kefa, u Ġwanni, li kienu miżmumin bħala kolonni, għarfu l-grazzja li ntgħatatli, tawni **idhom il-leminija**,..."*

7. Rivelazzjoni 2:1,

> *"Lill-anġlu tal-knisja ta' Efesu ikteb: Dawn il-ħwejjeġ igħid dak li jżomm is-seba' kwiekeb **f'idu l-leminija**, li jimxi f'nofs is-seba' gandlieri tad-deheb."* (Ara wkoll Rivelazzjoni 5:1, 7).

Il-mistoqsija hija din: Għandu Alla id letterali tal-laħam u ta' l-għadam? Ċertament li kulħadd jaqbel li le! L-id imsemmija f'dawn is-siltiet kollha u f'ħafna oħrajn bħalhom hija simbolika. Hekk ukoll l-id il-leminija msemmija f'Rivelazzjoni 13:16 hija simbolika. Fl-Iskrittura il-frażi "l-id il-leminija" tfisser superjorità, approvazzjoni ħalli turi x-xogħol li fih int tkun intrigat, eżempju Galatin 2:9, preferenza jew prieminenza. Qatt ma tfisser id letterali.

Avvanz ieħor li tinterpreta n-numru huwa li tieħu sehem fil-*gematria*, il-prattika li tbiddel in-numri f'ittri sabiex jispellu jew isiru jfissru kelma ta' kodiċi jew isem. Ma' dawk li semmejt qabel, l-aktar suġġeriment li jidher raġjunevoli minn dan l-avvanz huwa lin-numru "666" huwa kodiċi għal Neruni, imma hemm bosta problemi ukoll b'dan is-suġġeriment. Jekk l-isem ma jkunx tajjeb fil-Grieg jew fil-Latin, sforzi kienu magħmula biex idawwru l-isem fil-Lhudi. Wieħed mill-aktar komuni huwa li tieħu l-isem ta' Neruni, spellut f'ittri Lhud Neron Qesar, u tassenja valuri numeriċi għal dawn l-ittri u tieħu s-somma ħalli tasal għan-numru 666. Naturalment, dan jiddependi fuq li l-isem ta' Neruni jkun miktub f'mod difettuż

fil-Lhudi. Sewwasew kif il-Lhudi jiġi mġebbed huwa storja oħra!

Interpretazzjoni oħra li tingħata għal dan in-numru (666) hija l-isem *Lateinos*, il-missier tar-razza Latina. In-numru numeriku ta' l-ittri f'dan l-isem huwa dan:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L | A | T | E | I | N | O | S |
| 30 | 1 | 300 | 5 | 10 | 50 | 70 | 200 = 666 |

Jiddependi fuq liema ittri huma maħsuba li huma ekwivalenti ta' ċerti numri, kull varjetà ta' taqbil issir possibbli. Kif diġa tennejt, ismijiet bħal Hitler, Stalin, eċċ. kienu ġew murija bħala li jfissru n-numru "666" **fiż-żminijiet addattati ta' l-istorja**.

Xi wħud raw fin-numru s-simbolu tal-messija ta' Satana, u għalhekk iħarsu lejh bħala sempliċiment simboliku ta' l-antikrist. Xi wħud urew illi minħabba li 666 huwa mogħti għal tliet darbiet, u n-numru 6 huwa taħt il-perfett numru 7, illi dan huwa sempliċiment mod li tissimbolizza antikrist bħala li huwa nieqes mill-Messija l-perfett, ukoll għalkemm huwa jaspira għal dak l-uffiċċju.Tkun xi tkun l-interpretazzjoni li wieħed jieħu dwar dan in-numru, jidher ovvju li dan huwa s-simbolu ta' l-antikrist li jieqaf għall-bhima nfisha. It-terminu "antikrist" jidher fit-Testment il-Ġdid fl-ittri ta' Ġwanni biss (1 Ġwanni 2:18, 22; 4:3; 2 Ġwanni 7).

Ħafna skulari jżommu li waqt li hemm numru ta' paralleli sinjifikanti bejn l-Imperu Ruman u l-qima lil l-imperatur u l-bhima mfissra hawn, flimkien mal-profeti foloz u l-figura ta' Babel il-Kbira, l-omm tal-prostituti, ebda imperatur Ruman lanqas l-imperu nnifsu ma jistgħu jfissru dak kollu dwar is-sinjifikat tal-bhima. Tkun xi tkun il-manifestazzjoni umana li hu jista' jkun fiha, ix-xitan jgħaqqad miegħu nnifsu forza qawwija demonika u f'dan is-sens jista' jkun maħsub dwaru bħala simboliku ta' l-antikrist. Ġwanni nterpreta l-idea ta' antikrist fl-epistoli tiegħu bħala msawwra f'numru ta' antikristijiet. Fil-

fatt, kull min jiċħad li Ġesù Kristu ġie fil-ġisem tkun illustrazzjoni waħda ta' antikrist. Ġwanni jgħid hekk:

> "*Għax ħarġu fid-dinja ħafna qarrieqa, nies li ma jridux jagħarfu li Ġesù Kristu ġie bil-ġisem ta' bniedem: dan hu l-qarrieqi u l-antikrist!*" (2 Ġwanni 7).

Illustrazzjoni oħra hija dak li jiċħad li Ġesù hu 'l Kristu, il-Messija. Ġwanni jgħid hekk:

> "*Min hu l-giddieb jekk mhux min jiċħad li Ġesù hu l-Messija? Dan hu l-antikrist, li jiċħad lill-Missier u lil l-Iben*" (2 Ġwanni 2:22).

L-imperatur Ruman li kien jippersegwita, bil-kult tiegħu ta' qima lil l-imperatur, bl-imperu kbir kummerċjali, bil-modi żienja u bla rażan tiegħu, jista' ċertament jissimbolizza dinja f'ribelljoni kontra Alla u faċilment ikun mifhum f'dan il-mod minn dawk li kienu l-ewwel li qraw dan il-ktieb. Madankollu elementi huma tant minsuġa f'dawn l-istampi li wieħed rari jaħseb li Ruma u l-qima tagħha lil l-imperatur fissru għal kollox it-tifsira ta' dawn is-simboli. Il-ħafna gvernijiet li jiċħdu lil Alla u l-qawwiet reliġjużi li ma jimxux fuq it-tagħlim tal-Bibbja Mqaddsa li f'mod jew ieħor sa minn dak iż-żmien kienu tfaċċaw fuq l-art ukoll wettqu t-tifsira tat-terminu "antikrist." Għaliex l-antikrist huwa l-aġent tad-dragun fil-gwerra tiegħu kontra l-qaddisin u l-Messija tagħhom, f'kull forma u żmien ta' storja li huwa jista' jidher.

Mela, fl-ewwel seklu dan in-numru ta' 666 kien jista' jkun applikat għall-imperatur. Fuq naħa waħda, aħna naraw l-imperatur—gvern uman—jopponi lin-nies ta' Alla; dan kellu jkun ikkundannat. Min-naħa l-oħra, aħna naraw reliġjon falza—qassisin li mexxew lin-nies biex jagħtu qima lill-imperatur. Imma matul is-snin dan jista' japplika għal kull reliġjon li ma timxix skond il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa.

Ġesù qal,

> "*Mhux kull minn jgħidili, 'Mulej, Mulej,' jidħol fis-saltna tas-smewwiet; iżda min jagħ-*

*mel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet*" (Mattew 7:21).

Li sempliċiment tkun reliġjuż ma jagħmilx persuna tajba ma' Alla. Satana juża l-gvernijiet u r-reliġjonijiet foloz biex jopponi l-kawża ta' Alla. Aħna għandna niddeċiedu fejn qegħdin.

Jidher aktar li jista' jkun lin-numru "666" huwa eżempju tas-simboliżmu numeriku tant komuni f'Rivelazzjoni. Vers 18 jgħid li huwa "*numru uman*" (letteralment, "*in-numru tal-bniedem*" jew "*ta' bniedem*"). Jekk in-numru "7" huwa, kif ġeneralment huwa aċċettat, is-simbolu numeriku għall-perfezzjoni, allura "6" huwa nieqes minn dik il-perfezzjoni. F'Mattew 18:21-23, Pietru resaq lejn Ġesù u qallu:

"*Mulej, xi kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex jien naħfirlu? Sa* ***seba'*** *darbiet?' "Ma ngħidlikx sa seba' darbiet,*" *wieġbu Ġesù,* "*imma sa* ***sebgħa u sebgħin*** *darba.*"

Għaliex Pietru uża n-numru seba' u mhux xi numru ieħor? U għaliex Ġesù uża n-numru 77 u ma qallux xi numru ieħor jew akbar? Dan juri numru bla limitu; din l-esspressjoni hija wżata fid-deskrizzjoni ta' vendetta fil-każ ta' Lamek, fejn naqraw f'Ġenesi 4:24,

"*Jekk Kajjin jitħallas seba' darbiet, tassew Lamek jitħallas sebgħa u sebgħin darba.*"

Kif il-maħfra m'għandux ikollha limitu hekk ukoll it-tliet "sittiet" għandhom jirrappreżentaw il-falliment kontinwu tal-bniedem biex jilqa' l-qisien ta' Alla; għalhekk, "*in-numru tal-bniedem.*" Illum jista' jkun kull persuna li topponi l-kawża ta' Alla. Għaliex Ġwanni ma qalx li kien l-imperatur? Għaliex dan il-ktieb kien miktub *f'lingwa simbolika*, u l-persekuturi tal-knisja ma jkunux jistgħu jidentifikaw lill-imperatur fil-kliem li uża Ġwanni.

L-aħbar it-tajba dwar "666" hija *li ebda identifikazzjoni ma hija neċessarja!* Dak li huwa importanti f'kapiltu 13 m'huwiex it-*tifsira* tan-numru, imma l-*funzjoni* tiegħu. Dan iservi biex jidentifika s-segwaċi tal-bhima, l-istess kif il-144,000 (dawk

kollha li huma mifdija) għandhom il-marka protettiva tal-Ħaruf, (Rivelazzjoni 7:3; 14:1). In-numru m'għandu bżonn ebda "interpretazzjoni" biex aħna nifhmu s-sinjifikat tiegħu; dan juri li wieħed huwa dixxiplu ta' Satana u mhux ta' Kristu. Fiż-żmien ta' Ġwanni dan kien ifisser li dak li kellu l-"marka" (li ma teħtieġx li tkun letterali jew viżibbli) kien ċeda għall-pressjoni tat-tieni bhima (is-saċerdozju tal-kult ta' l-imperatur) biex jadura l-ewwel bhima (l-imperatur jew is-setgħa ta' l-istat).

Vers 17 jgħid,

> "*Biex ħadd ma jkun jista' jixtri jew ibigħ jekk ma jkollux fuqu l-marka ta' isem il-bhima jew tan-numru ta' isimha.*"

Ikunu xi jkunu dawn il-marki ta' identifikazzjoni, ebda wieħed ma kien imħolli li jixtri jew ibigħ li ma kellux lilhom. Kemm jekk ix-xiri u l-bejgħ għandhomx ikunu mifhuma letteralment jew simbolikament hija kustjoni li dwarha dawk li jikkummentaw ma jaqblux. Li l-Knisja Kattolika f'okkażjonijiet ipprojbixxiet kummerċ bħal dan ma' dawk li ma kinux fiha huwa evidenti mill-istorja. Elliot (Vol. III, p. 260) jirriferi għas-Sinodu ta' Tours, sewwasew meta l-Waldensi u l-Albi-ġensi kienu bdew jiġbu l-attenzjoni, taħt il-Papa Alessandru III, bħala li kien "għadda liġi li ebda persuna m'għandha tissogra li tirċievi jew tgħin lil l-eretki, mhux hekk biss imma li teżerċità kummerċ magħhom f'li *tbigħ jew tixtri*." Naturalment knisja li temmen li hija għandha id-dritt divin biex taħkem il-ġnus fuq l-art titlob id-dritt biex tikkontrolla l-kummerċ tad-dinja. Imma l-veduta li dan il-kliem ikun meħud simbolikament tidher aktar probabbli. It-tifsira ċara, mela, għandha tkun li dawk biss bil-marka tal-bhima ikunu mħollija li jippriedkaw jew jipprattikaw dottrini reliġjużi. Dan hu ċar mill-fatt li kemm il-Knisja Kattolika Rumana kif ukoll ix-Xhieda ta' Ġeħova u oħrajn jirrifjutaw permess lill-membri tagħhom li jisimgħu jew li jaqraw letteratura ta' oħrajn, imma li jemmnu mingħajr mis-toqsija dak li huma jgħallmu mill-kwartieri ġenerali tagħhom, f'dan il-każ, mill-Vatikan u mit-Torri ta' l-Għassa, fl-Istati

Uniti, u li huma l-kustodji awtorizzati ta' ħwejjeġ divini, u li l-għalliema kollha għandhom imorru għandhom għall-awtorità. F'dan, it-talbiet tas-simboli huma milqugħha għal kollox.

Hemm xi relevanza f'dan kollu għall-Kristjani llum? L-Imperu Ruman ilu mejjet, u aħna m'aħna taħt l-ebda ġegħil bil-fors biex nagħtu qima lix-xbieha tal-President ta' Malta. Madankollu l-Bhima tal-Baħar u l-Bhima ta' l-Art jissimbolizzaw mhux biss lil Ruma u n-nasbiet reliġjużi tagħha, imma l-periklu ta' *kull* qawwa ċivili u/jew reliġjuża li tpoġġi lilha nfisha f'oppożizzjoni għal Alla u dan isir billi jgħallmu tagħlim li ma jkunx Skritturali. Waqt li l-Kristjani f'punt mogħti fiż-żmien jew f'nazzjon speċifiku ma jkunux qegħdin jesperjenzaw gvern bla Alla bħal dawk ta' l-ewwel seklu, aħna għandna niftakru li "imperi" bħal dawk tfaċċaw mill-ġdid fl-istorja. Meta dawn *jiġu*, dejjem ikunu jfissru inkwiet għan-nies ta' Alla.

## LEZZJONIJIET MGĦALLMA MIŻ-ŻEWĠ BHEJJEM

*Distinzjoni qawwija għandha teżisti bejn in-nies ta' Alla u s-segwaċi tad-dragun.* L-umanità tinqasam f'żewġ kategoriji: dawk li jqimu lid-dragun (il-maġġuranza l-kbira), u dawk li isimhom huma "*miktuba fil-ktieb tal-Ħaruf li kien maqtul*" (Rivelazzjoni 13:7-8). Dan huwa l-punt tal-kuntrast qawwi bejn il-"marki" ta' dawk li jqimu l-bhima (13:16-18) u l-għanja ta' ferħ tal-qaddisin issiġillati (14:1-5). Għandu *aħjar* li jkun hemm differenza bejnietna l-Kristjani u d-dinja ta' madwarna, għaliex quddiem Alla aħna nġibu "marka" waħda jew l-oħra. L-iskop tagħna f'din id-dinja m'huwiex biex "nitħalltu" imma biex "inżommu barra" (Ara 2 Korintin 6:14—7:1).

Aħna ma nistgħux noqgħodu fuq *l-awtoritajiet ċivili* tagħna jew saħansitra fuq *reliġjon organizzata* biex inżommu l-ġustizzja. Dak huwa x-xogħol esklussiv tal-knisja. Oħrajn jistgħu jagħmlu dan; jekk hekk, sewwa u tajjeb. Imma aħna ma nistgħux nistennewhom li jagħmluh *għalina*. Gvernijiet, il-gvernijiet *kollha*, għandhom ix-xeħta li jservu l-kilba u s-setgħa. Xi wħud huma aħjar minn oħrajn, imma wkoll gvernijiet li huma mibnija fuq prinċipji Kristjani, tbiegħdu ħafna. Għalkemm iħalluna

fil-libertà fit-twemmin tagħna, ħafna minnhom għandhom ukoll abort legalizzat u jirrifjutaw li jaġixxu b'mod deċissiv biex iwaqqfu l-mewġa kbira tal-pornografija. Reliġjonijiet organizzati, sfortunatament, ġeneralment jibdew b'impenn sod għall-ġustizzja, imma gradwalment imorru lejn li jaqdu x-xewqat tan-nies billi jgħidulhom dak li huma jridu li jisimgħu. Dan kien imbassar mill-Ispirtu s-Santu permezz ta' l-appostlu Pawlu fejn naqraw:

> "*Għax għad jiġi żmien meta ma jaħmlux it-tagħlim it-tajjeb; imma skond ix-xewqat ħżiena tagħhom, u b'widnejhom jikluhom, jiġmgħu għalihom dutturi; U jdawru widnejhom mis-sewwa, u jduru għall-ħrejjef*" (2 Timotju 4:3-4).

Il-prattika nfisha li ċerti gvernijiet illegalizzaw, il-gruppi reliġjużi *jqaddsuha* (eżempju: l-abort, l-omosesswalità, d-divorzju, eċċ.). Ir-reliġjon waslet biex issir il-*qaddejja* tal-kultura pjuttost milli l-*kuxjenza* tagħha. Illum nisimgħu qassisin Kattoliċi minn fuq ir-radju u l-ġurnali jitkellmu favur l-omosesswalità u wkoll favur il-pornografija. Dawn huma ħwejjeġ li ma jitwemmnux imma huma wkoll realtà. Il-Kristjani tassew ma jistgħu jagħmlu ebda kompromess! Aħna għandna nkunu lesti, jekk neċessarju, li nieqfu weħidna kontra s-soċjetà kull meta s-soċjetà titlef it-triq tagħha. Dan huwa l-mandatt tagħna minn Alla (Efesin 5:1-12; Filippin 2:14-16). Aħna ma nistgħux inkunu beżagħna li nkunu *differenti* u xorta ngħoġbu lil *Alla*. Jekk aħna ma nistgħux ngħixu mingħajr l-approvazzjoni tad-dragun, allura aħna *nappartjenu* lilu!

*Jiswa ħafna li tkun differenti*. Versi 9 u 10 jgħidu,

> "*Min għandu widnejn, ħa jisma'. Min hu għall-jasar imur fil-jasar: min joqtol bis-sejf jinqatel bis-sejf. Hawn hu s-sabar u l-fidi tal-qaddisin.*"

Dan ifisser li dawk li huma lesti li jkunu mogħtija struzzjonijiet għandhom jagħtu widen għal dak li kien intqal

dwar il-bhima u l-eżortazzjoni f'vers 10. Dan kien intenzjonat biex iħeġġeġ lill-qaddisin b'ħarsa lejn l-isfortuni koroh lis-simboli ndikaw li kellhom jiġu fuqhom. *"Min joqtol bis-sejf jinqatel bis-sejf."* Dan huwa fi qbil perfett mal-kliem ta' Ġesù:

> *"...kull min jaqbad is-sejf, bis-sejf jinqered"* (Mattew 26:52).

Din hija stqarrija ġenerali li l-istorja tad-dinja vverifikat bl-abbundanza. Din tarmonizza ma' stqarrija ġenerali oħra li:

> *"Dak li l-bniedem jiżra', dak huwa jaħsad"* (Galatin 6:7).

Ġnus jagħarfu l-liġi li:

> *"Kull min ixerred demm il-bniedem, mil-bniedem demmu jixxerred..."* (Ġenesi 9:6).

Hawn Ġwanni biċ-ċar intenzjona biex iħeġġeġ lill-qaddisin b'assigurazzjoni li n-nazzjon li jikkawża dawk it-tbatijiet imbagħad ikun ippremjat skond kemm l-atti tiegħu ikunu jixirqilhom.

*Din mhijiex esspressjoni ta' fataliżmu, imma stqarrija tar-realtajiet ħorox tal-persekuzzjoni. Xi wħud ikunu* mwassla għall-jasar u l-mewt fl-idejn tal-bhima, u xejn ma jibdel dan. Fl-istess ħin, persekuturi eventwalment iridu jħallsu l-prezz għall-atti ħżiena tagħhom. *Aħna* lkoll għandna niddeċiedu ta' min il-marka se nilbsu. Li nilbsu l-marka tal-Ħaruf jeħtieġ *konvinzjoni*, *kuraġġ*, u li *nissapportu*. Dan jista' jiswielna ħajjitna. Iżda ħajja eterna hija l-premju tagħna. Li nilbsu l-marka tad-dragun ma jeħtieġ xejn xejn. Aħna sempliċiment nagħmlu kompromess dwar l-impenn tagħna lejn Kristu, u d-dragun ikun *is-sid tagħna*.

## KONKLUŻJONI

Satana huwa qawwa kbira ħafna. Huwa qiegħed jopponi l-kawża ta' Kristu. Huwa juża dak kollu li jinsab għad-dispożizzjoni tiegħu. Huwa jista' juża gvern u reliġjon falza. **Kun ċert** li bħala persuna reliġjuża int m'intix qiegħed tkun użat

minn Satana billi taċċetta tagħlim tal-bnedmin u mhux dak tal-Mulej. L-uniku mod li tista' tkun taf li m'intix użat minn Satana huwa li tkun żgur li dak kollu li temmen u tipprattika *jinsab* fil-Bibbja Mqaddsa.

Il-marka ta' min inti qiegħed tilbes *sewwasew issa*? Hija ċara għalik? Hija ċara għall-oħrajn? Għal *Alla hija* ċara ħafna! Jekk inti għandek il-marka tal-bhima, oqgħod attent dwar il-ġudizzju li jkun Tiegħu, kif inhu mfisser fil-kumplament ta' Rivelazzjoni. Jekk għandek il-marka tal-Ħaruf, *ifraħ*! Ma jimpurtax kemm il-ħajja tista' tkun diffiċli fil-preżent, xi jum inti tieqaf fuq il-"Muntanja Sijon" mal-144,000 u mal-Ħaruf Innifsu. Għalhekk, ejja nagħtu widen għat-twissija li tagħtina l-Kelma ta' Alla:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).